# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS

**Kawża Numru: 100/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Matthew Borg**
**(ID 5891(M))**

**Illum, 7 ta’ April 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta’ dawn il-proċeduri, l-imputat **Matthew Borg** ta’ 24 sena, iben Anthony u Karen Mary nee` Flattery, imwieled Żebbuġ nhar l-10 ta’ Diċembru 1990, residenti ‘Whitehouse Apartments’ Flat 1, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 5891(M) qed jiġi akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-3 ta’ April 2015 u fis-sentejn ta’ qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-30 ta' April 2019 li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement talbet illi tkun tista' tressaq il-provi sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat illi b'digriet tagħha tal-istess jum, il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll illi fuq talba tad-difiża tat-2 ta' Marzu 2020, il-Qorti ħatret lill-espert Dr. Roberta Holland, Psikologa Forensika, sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *cannabis* f'April 2015 u fis-sentejn ta' qabel din id-data, kif ukoll dwar jekk sarx progress sostanzjali jew sforz sostanzjali da parti tal-imputat sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga jew jekk hemmx raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-imputat jista' jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga[2];

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert Dr. Roberta Holland ippreżentat minnha fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2020[3] u semgħet ix-xhieda tagħha tal-istess jum[4];

Semgħet ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech tat-2 ta' Marzu 2020 u rat ir-rapporti tiegħu dwar l-andament tal-imputat wara li din il-Qorti qegħditu taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni fil-5 ta' Frar 2016;

Rat l-atti kolhha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat Matthew Borg qiegħed jiġi mixli bir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta u tar-raża tal-*cannabis*, liema reati huwa

[1] Ara a fol. 194 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 198 tal-proċeess.
[3] Ara a fol. 209 *et seq* tal-proċess,
[4] Ara a fol. 202 *et seq* tal-proċess.

allegatament wettaqhom f'April 2015 u fis-sentejn ta' qabel, u dan wara li allegatament fil-pussess tiegħu nstabu kemm sustanzi, kif ukoll oġġetti oħrajn relatati mad-droga.

Illi jibda biex jingħad illi l-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga."

Il-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi huma indikati bħala linji gwida għall-użu ta' diskrezzjoni u dan sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata ossia allura jekk din tkunx il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew il-Qorti Kriminali. Dawn il-linji gwida mbagħad jgħaddu sabiex jindikaw il-fatturi li għandhom jew jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni għal dan il-għan. L-istess linji gwida jgħidu hekk dwar il-kwantita` tad-droga li għaliha jirreferi s-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 8 fuq ċitat:

> "L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:
>
> herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma
>
> cannabis (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma" [sottolinear tal-Qorti]

Issa fil-każ odjern, is-sustanza allegatament misjuba u elevata mill-pussess tal-imputat tinsab indikata fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 186 Kristian Mintoff.[5] Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi mill-fond "The Whitehouse", Flat 1, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar, l-istess PS 186 Kristian Mintoff eleva s-segwenti oġġetti:

| | |
|---|---|
| "15ASO301 | Blokka ta' lewn kannella u xi bicciet zghar ta' materjal simili. |
| 15ASO302 | Sitt (6) pakketti zghar b'materjal ta' lewn ahdar u pakkett filters bil-kliem "OCB". |
| 15ASO303 | Tlettax (13)-il pakkett zghir u zewg pakketti kbar ta' materjal ahdar u basket tal-hobz bil-kliem "Jespers". |
| 15ASO304 | Zewg (2) Swiss Knives; Grinder zghira; Borza zerriegha u borza tal-plastik trasparenti b'loqma ta' sigarett. |
| 15ASO305 | Mizien zghir u cover ta' lewn iswed. |
| 15ASO306 | Parti zghira minn blokka ta' lewn kannella."[6] |

Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi fil-11 ta' April 2015, dawn id-dokumenti ġew mgħoddija lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut għall-analizi tiegħu.[7]

Illi mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, imbagħad, jirriżulta illi huwa ngħata erba' dokumenti għall-eżami tiegħu u ċioe` is-segwenti:

| | |
|---|---|
| "121_17_01 | *Evidence bag* bin-numru **S001172658** li fih **blokka ta' lewn kannella**. |
| 121_17_02 | *Evidence bag* bin-numru **S001172660** li fih **(i) 2 *penknives* (ii) *crusher* (iii) borża tal-plastik trasparenti li fih żerriegħa u (iv) borża tal-plastik trasparenti li fih *joint* maħruq**. |
| 121_17_03 | *Evidence bag* bin-numru **S001172657** li fih **miżien**. |

[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 171 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara a fol. 174 tal-proċess.
[7] Ara wkoll id-dokument esebit a fol. 175 tal-proċess.

121_17_04 *Evidence bag* bin-numru **S001172667** li fih biċċa sustanza ta' lewn kannella."[8]

Illi in oltre mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti dwar dawn id-dokumenti:

"(a) **Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 121_17_01 u 121_17_04 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (THC). Il-piż tas-sustanza kannella kien ta' 263.89 grammi u l-purita kienet ta' ċirka 7.0%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

(b) **Illi fuq estratt meħuda mill-*crusher* li hemm fid-dokument 121_17_02 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (THC).**

(c) **Illi fuq estratt meħud mill-*joint* li hemm fid-dokument 121_17_02 u fuq *swab* meħud mill-miżien li hemm fid-dokument 121_17_03 ma nstabetx droga."**

Illi miż-żewġ relazzjonijiet fuq ċitati, jidher għalhekk illi għalkemm ix-Xjenzat Godwin Sammut ingħata d-dokumenti kollha li jinsabu ndikati fir-relazzjoni ta' PS 186 Kristian Mintoff, għal xi raġuni li din il-Qorti mhijiex edotta minnha u illi ma tirriżultax mill-atti proċesswali, ix-Xjenzat Sammut ma eżaminax id-dokumenti kollha li ġew mgħoddija lilu, iżda dawk biss li ġew indikati minnu fir-relazzjoni tiegħu. Fil-fatt fir-relazzjoni tiegħu ma jissemmiex il-kontenut tad-dokumenti, li fir-relazzjoni ta' PS 186, jinsabu ndikati bħala 15ASO302 u 15ASO303. Dan ifisser illi x-Xjenzat Godwin Sammut baqa' ma rrelatax dwar il-piż tal-materjal ta' lewn aħdar kontenut fl-imsemmija dokumenti.

Għalhekk il-Qorti tista' tistrieħ biss fuq il-piżijiet li jirriżultawlha mill-istess relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut. F'dan il-kuntest qed tqis ukoll illi minkejja illi l-Ispettur Herman Mula, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, jindika l-piżijiet tas-sustanzi elevati, dawn ġew indikati minnu bħala piżijiet approssimattivi u għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tistrieħ fuqhom għall-fini ta' dan il-provvediment.

Tenut kont tas-suespost, għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tqis ir-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta bħala sodisfatti.

[8] Ara a fol. 104 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi dwar l-allegata dipendenza tal-imputat fuq id-droga, l-espert Dr. Roberta Holland tikkonferma b'mod konklussiv illi fiż-żmien li fih l-imputat allegatament wettaq ir-reati lilu attribbwiti, huwa kien tassew dipendenti fuq il-*cannabis,* liema sustanza huwa beda jagħmel użu minnha minn eta` żgħira ħafna, u dan fil-waqt li tagħti dettal tal-isfond li seta' wassal għall-abbuż tal-imputat minn diversi sustanzi matul is-snin. Fost dawn, l-espert tispigola r-relazzjoni abbużiva li kienet tissussisti bejn il-ġenituri tal-imputat, li safa huwa wkoll vittma ta' vjolenza domestika u disturb, inkluż nuqqas ta' residenza fissa konsegwenti għas-separazzjoni personali tal-ġenituri tiegħu. L-espert tispjega illi kien f'dawn iċ-ċirkostanzi illi l-imputat beda jżomm il-kumpanija ta' persuni li huwa kien jqis tal-istess livell jew qagħda tiegħu, stante li kellhom il-problemi tagħhom ukoll, u illi bħalhom beda jagħmel użu minn sustanzi lleċiti. B'żieda ma' dan, l-espert tagħmel aċċenn għall-mewt ħabta u sabta ta' oħt l-imputat meta huwa kellu 23 sena, u li kienet ħalliet warajha tarbija, liema episodju ġie segwit bit-tqala mitlufa tas-sieħba tal-istess imputat. Kien proprju ftit wara dawn l-episodji li l-imputat safa arrestat u miżmum taħt arrest preventiv, b'rabta ma' dawn il-proċeduri, liema esperjenza l-espert tiddefinixxi bħala esperjenza trawmatika għall-imputat, iżda waħda li fi ftit kliem bidlitlu ħajtu. L-espert di fatti tirrakkonta l-mod eżemplari u pjuttost eċċezzjonali li bih l-imputat għażel li jirriforma ruħu. Ir-riforma tal-imputat hija wkoll konfermata mill-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech fir-rapporti esebiti minnu f'dawn il-proċeduri. Fil-fatt kemm l-espert Dr Roberta Holland, kif ukoll l-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech jikkonfermaw illi l-imputat, b'impenn u determinazzjoni, waqaf jagħmel użu minn sustanzi lleċiti. Ta' min jgħid ukoll illi mir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, jirriżulta wkoll illi l-istess espert ikkomunikat mal-imsemmi Uffiċjal tal-*Probation*, li segwa lill-imputat kemm bejn is-snin 2011 u 2013 in konnessjoni ma' każ ieħor, kif ukoll minn Frar 2016 'il quddiem, għall-fini tal-Ordni Temporanja ta' Superviżjoni matul dawn il-proċeduri, liema Uffiċjal tal-*Probation* ikkonfermalha dak kollu li kien qalilha l-istess imputat. F'dawn il-proċeduri, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* xehed illi fis-sena 2011, meta huwa beda jsegwi lill-imputat fuq Ordni ta' Superviżjoni, l-istess imputat kien jabbuża mill-*cannabis* b'mod frekwenti u allarmanti, iżda biż-żmien irnexxielu jżomm il-bogħod minnha u l-andament tiegħu kien wieħed pożittiv ħafna.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Tenut kont tal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert Dr. Robert Holland, kif ukoll fid-dawl tax-xhieda u r-rapporti tal-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech, il-Qorti hija pjenament sodisfatta li r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu, u ċioe` illi r-reati li bihom jinsab

mixli l-imputat Matthew Borg kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

In oltre l-Qorti tosserva illi mill-atti jirriżulta illi l-imputat diġa` ndirizza d-dipendenza tiegħu fuq id-drogi li huwa kien jabbuża minnhom matul is-snin, inkluż il-*cannabis*, u għalhekk m'hemmx dubju illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-imputat għamel sforz u progress sostanzjali sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u dan kif trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre l-Qorti tosserva wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-espert sabiex l-imputat jibqa' jiġi segwit minn professjonisti fil-qasam u dan sabiex titnaqqas il-possibilita` li huwa jagħmel użu minn sustanzi lleċiti u li għalhekk ikun idoneu li l-imputat jiġi riferut lill-Bord ta' Ribjabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Il-Qorti fl-aħħarnett tqis illi ma tirriżulta ebda waħda jew iktar mill-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 13 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-istess Kapitolu.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Matthew Borg** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat